**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 23 ta' Jannar, 2001**

**Numru 20**

**Avviz. numru 1414/00JR**

**Vodafone Malta Limited**

**vs**

**S&D Zammit Co. Ltd.**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-4 ta' Settembru, 2000, fejn intalab il-hlas ta' mija u ghoxrin lira Maltija tnejn u hamsin centezmu (Lm120.52) rapprezentanti access ghall-uzu ta' "mobile telephone" u "airtime" ghall-istess uzu ghall-perijodu mit-13 ta' Mejju, 1998, sat-23 ta' Mejju, 2000;**

**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.**

**Ra li s-socjeta` konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas ma deher rapprezentant taghha.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Anthony Vella ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u ghoxrin lira Maltija tnejn u hamsin centezmu (Lm120.52) bl-imghaxijiet legali mill-4 ta' Settembru, 2000.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta` konvenuta skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**